MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 403/2007

**Jimcam Enterprises Limited C 18640**

**Vs**

**Chas Ltd C 8451**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami (ara d-digriet moghti fit-23 ta' April, 2008 a fol 11 tal-istess atti) li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disgha mija, tlieta u hamsin lira u tmienja u tletin centezmi (Lm4,953.38), bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-bejgh ta' zebgha, spray, painting equipment, masking tape u prodotti relatati, imghaxijiet u spejjez relattivi, b'riserva ta' l-imghaxijiet ulterjuri, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi s-socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi l-procedura uzata ta' Avviz hija irrita u nulla;
2. Bla pregudizzju ghall-premess hemm ir-'res gudikata' peress illi l-vertenza gia' giet deciza fi tlett kawzi fl-istess ismijiet premessi, l-avviz numri 1570/2004JB, 1575/04JB, 1577/04JB, bi tlett sentenzi moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-20 ta' April 2006;
3. Ukoll bla pregudizzju ghall-premess hemm il-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili;
4. Fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta' attrici;
5. Fi kwalunkwe kaz, l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici, li ghandha tipprezenta statement dettaljat, huwa eccessiv.
6. Salv risposta ulterjuri skond il-ligi.
7. Bl-ispejjez.

Rat id-digriet moghti mill-istess Qorti li bih gew esebiti u annessi l-atti kollha in rigward it-tinei (2) eccezzjoni kif ukoll it-tlett (3) sentenzi hemm imsemmija (fol 16 u fol 94 et seq ibid).

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti (fol 119 et seq ibid) u li biha l-istess Qorti, waqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel (1) eccezzjoni cahdet it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Gunju 2010 (fol 159 ibid) fejn hemm dikjarat mis-socjeta' konvenuta illi din, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet, kien intlahaq ftehim illi l-istess socjeta' attrici tiehu lura l-magna li jsir it-tahlit ta' zebgha minghajr zebgha u l-'billboard' kif ukoll dak tas-seduta tat-13 ta' April 2010 (fol 167 ibid) minn fejn jirrizulta illi s-socjeta' attrici irrinunzjat ghal kull pretensjoni dwar il-'paint mixing machine' involuta peress li din giet ntavolata lis-socjeta' attrici minn dik konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi John Mary Camilleri (fol 13 et seq ibid) bhala direttur tas-socjeta' attrici jsostni illi din timporta zebgha li tintuza fuq karozzi li tinbiegh lill-klijenti taghha u dawn jhalltuha permezz tal-makkinarju supplit lilhom mill-istess socjeta' attrici. Fil-kaz in desamina, filfatt, sar il-bejgh ta' zebgha lis-socjeta' konvenuta u dan bl-ingrossa, kif ukoll fuq bazi ta' 'leasing' magna bhal dik li ssemmiet u mizien u dokumentazzjoni relattiva, ghat-tahlit taz-zebgha. L-istess xhud ppreciza li s-socjeta' attrici bieghet zebgha ghat-tahlit lil dik konvenuta bejn l-1999 sal-2004. Mal-istess xhieda jinsabu esebiti dokumenti li juru l-konsenji kollha li saru bejn il-5 ta' April 1999 sat-30 ta' Novembru 2006 (u mhux l-2004) bil-pagamenti li saru u bil-bilanc li ghadu dovut bl-imghax inkluz (fol 24 ibid) oltre diversi fatturi u 'debit notes' li jirreferi ghall-istess imghax bit-8% u ircevuti. Ta' minn jinnota illi Jane Camilleri (fol 95 u fol 96 ibid kif ukoll fol 124 et seq ibid) spjegat ukoll li s-socjeta' attrici kienet, ukoll, ikkoncediet skont ulterjuri lis-socjeta' konvenuta. Din ix-xhud ezebiet ukoll il-'lease agreement' li sar bejn il-partijiet dwar l-imsemmija magna usata ghat-tahlit ta' zebgha (fol 98 et seq ibid) oltre 'statement' ta' pagamenti li saru (fol 14 u fol 15 ibid). Dwar il-prezz ix-xhud issottolinetat li, oltre li dan kien bl-ingrossa, kien inghata skont ulterjuri ta' ghaxra fil-mija (10%). Dwar ammonti mhallsin u ghadhom dovuti kienu jintbaghtu 'statements' regolarment lis-socjeta' konvenuta bl-inklusjoni ta' imghax li skond ix-xhud kien ghaxra fil-mija (10%) u gie deskritt minnha bhala 'simple interest' Dwar dan ix-xhud ikkorregiet ruhha u stqarret li l-imghax kien filfatt tmienja fil-mija (8%). Inoltre bhala prodotti li gew ritornati, dawn kienu biss 'toners' u ghalihom kienet inharget 'credit note'. In kontro esami (fol 129 sa fol 131 ibid), saritilha referenza ghal-'statement' a fol 24 u mitluba tispjega l-ghala f'dawn il-proceduri kien hemm zieda ta' Lm1500 mal-ammont mitlub quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar, hi sostniet li din iz-zieda kienet tirreferi ghal valur tal-magna tat-tahliet ta' zebgha ammontanti

ghal Lm800, dak tal-imsemmija dokumentazjoni ammontanti ghal Lm200 kif ukoll l-imghaxijiet relattivi avolja kien hemm imnizzel a fol 125, l-istess xhud xehdet li '… ma konniex nippretendu xi hlas ta' dan'.

Ikkunsidrat

Illi Charles Mizzi f'isem is-socjeta' konvenuta (fol 133 et seq ibid) semma li in rigward il-prezz taz-zebgha mixtrija minghand is-socjeta' attrici, kien gie koncess minn din skont specjali '… pero ma niftakarx ta' kemm' . Hu sostna ukoll illi kien hemm ftehim in konnessjoni ma reklamar f'magazine' in konnnessjoni mal-prodotti in esami kif ukoll tabella u 'brochure' li tirriklama l-isem tas-socjeta' attrici skond ix-xhud dan ir-reklamar kien gie approvat minn John Mary Camilleri (ara l-anness dokument b'mod specjali a fol 149 fuq wara). Skond l-istess xhud il-ftehim, dejjem verbali bejn il-partijiet kien li '… meta jibghatli l-kont jiena naqta l-ammont dovut ghal dan ir-reklamar kollu pero dan ma sarx'. Fl-ahhar nett ix-xhud ppresenta 'statement' li fuqu hemm imnizzel dak, li skond hu, ghadu dovut lis-socjeta' attrici ossija Lm304.50 (fol 155 ibid) kif ukoll il-valur ta' reklamar ammontanti ghal Lm181.70 (fol 136 ibid) u fuq Lm115 (fol 157 ibid). Jigi rilevat, dwar dak premess, illi kif jidher li waqt dawn il-proceduri kien inthalaq ftehim bejn il-partijiet fis-sens li s-socjeta' attrici tista' tiehu lura t-tabella u l-magna msemmija kif ukoll id-dokumentazzjoni (ara ukoll fol 160 ibid).

Illi l-istess socjeta' konvenuta pproduciet lil Mario Giuliano (fol 161 sa fol 163 ibid) li jzomm il-kotba u 'accounts' ta' din is-socjeta' u li rrediga id-dokument a fol 155. Ix-xhud spjega illi, dwar imghaxijiet, ma kien hemm l–ebda ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk jidher li l-ammont kollu gie imnaqqas mill-'istatement' esamint minnu (a fol 156 ibid). Inoltre kien hemm zewg fatturi, datati t-tletin (30) ta' Novembru 2006 ammontanti ghal Lm1000 li qatt ma gew ircevuti mis-socjeta konvenuta. Inoltre f'din id-data 'ma konniex naghmlu ebda negozju ta' kwalunkwe tip mas-socjeta' attrici'. Inoltre, skond l-istess xhud mill-ammont mitlub ghandhom jitnaqqsu tlett fatturi ohra datati it-18 ta' Settembru 2000 li jirreferu ghal rekalmi u kera ta' bord ta'

reklami u ammontanti ghal Lm994. 50. Fl-ahhar nett hu naqqas l-ammont ta' Lm690.00 bhala sentejn kera dovut lis-socjeta' konvenuta ghal 'board'.

In kontro esami, l-istess xhud qal li z-zewg fatturi datati it-30 ta' Novembru 2006 kienu filfatt jirreferu ghal magna ta' tahlit u dokumentazzjoni u mhux bejgh ta' zebgha (ara fol 90 u fol 91 ibid). Inoltre dwar ir-reklamar u l-ammont allegatament dovut lis-socjeta' konvenuta dwar dan, hu ma kienx, presenti meta, allegatament sar xi ftehim verbali.

Ikkunsidrat

Illi, wara li sar riassunt tal-provi in esami u tal-fatti risultanti minnhom ghandu jigi rilevat illi s-socjeta' konvenuta, fil-meritu eccepiet li ma hemm ebda ammont dovut u li l-ammont pretiz hu eccessiv.

Illi, apparti l-fatt li dawn l-eccezzjonijiet huma, kontradittorji ghal mod ovvju, jidher anke mix-xhieda prodotti mis-socjeta' konvenuta illi hemm xi ammont dovut tista' tghid 'ex admissis' u ghalhekk l-ewwel (1) eccezzjoni ghandha tigi skartata minnufih.

Illi dwar jekk l-ammont pretiz hux eccessiv o meno ghandhom jigu konsiderati s-segwenti fatti:-

a) Kif jidher mix-xhieda tal-imsemmi Mario Giuliano, illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi li ma hemm ebda imghax dovut ghax ma kienx hemm ftehim li dawn kellu jithallas. Dwar dan il-punt, jigi rilevat illi, skond il-ligi, imghax ghandu jithallas mid-data li ammont jkun dovut peress li, f'dan il-kaz, trattasi ta' obbligazzjoni kummercjali (ara l-artikolu tal-Kodici Civili). Inoltre l-Qorti tara li imghax ma kienx jkun dovut f'kaz li l-partijiet espressament u u minghajr ekwivoku kienu ftehmu li l-ebda imghax ma kienx dovut mis-socjeta' konvenuta, ftehim li, f'dan il-kaz, certament ma sarx. Ghalhekk l-ammont inkluz is-somma mitluba bhala imghax, tenut kont li ma gietx pruvat li kien hemm xi forma ta' uzura, hu dovut.

b) Dwar <u>l-apparat</u> imsemmi fit-talba u <u>dokumentazzjoni</u>, jidher li dan kollu kien gie konsenjat lis-socjeta' konvenuta bhala parti mill-ftehim globali. Biex jinghata esempju a fol 98 et seq ibid jinsab il-lease agreement' dwar il-'colour mixing equipment' fejn jinghad testwalment 'Rent Lm Nil (per annum) ossija gratwitament. Inoltre jidher li l-partijiet keinu ftehmu li l-istess oggetti jittiehdu lura mis-socjeta' attrici. Tenut kont li fis-somma mitluba hemm inkluza dik ta' Lm1000, kif indikata f'zewg fatturi datati t-30 ta' Novembru 2006 l-istess ammont imsemmi ghandu jigi mnaqqas.

c) Is-socjeta' konvenuta tippretendi nuqqas ulterjuri dwar reklamar ammontanti ghal Lm994. Dwar dan pero, il-Qorti ma tistax taccetta dan ghas-semplici raguni li ma ingiebet ebda prova in sostenn ta' kif is-socjeta' konvenuta waslet ghal dan l-ammont u b'hekk ma tistax topera xi forma ta' tpacija.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghalhekk il-Qorti ser tirriduci l-ammont mitlub ghal Lm3953.38 bhala bilanc dovut in rigward il-bejgh ta' zebgha u imghax dovut sat-30 ta' Settembru 2007 (ara fol 24 ibid).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici kif hawn fuq ridotta u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm3953.38 ossija €9208.90 bl-imghax legali ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Dicembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes minhabba c-cirkostanti kif hawn fuq dedotti, jkun opportun u gust li parti minnhom jigu addebitati lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqsant il-Qorti, tordna li tlett kwarti (3/4) minnhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta waqt li kwart (1/4) jithallsu minn dik attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------